**110. Il-Ministru għall-Politika Soċjali, l-Onor. Lawrence Gonzi ppropona:**

Illi fis-Seduta li fiha ssir id-Dikjarazzjoni Finanzjarja għas-sena 2000 (Ordni Permanenti Nru 71 (3)(a)), din id-Dikjarazzjoni u x-Xogħol li jista' jkun konness magħha jkunu, jekk meħtieġ, eżenti mill-Ordni Permanenti Nru 9 – ħin ta' l-interruzzjoni tax-xogħol; u li d-Dikjarazzjoni tkun ukoll eżenti mill-Ordni Permanenti Nru 49 – Limiti ta' żmien għad-diskors; u

Illi minkejja kull provvedimenti oħra fl-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra u riżoluzzjonijiet oħra approvati mill-Kamra, jekk id-Dikjarazzjoni Finanzjarja ssir il-Ħamis, sew fil-għodu, kif ukoll fil-għaxija, isir biss xogħol tal-Gvern u l-aġġornament ma jitteħidx.

10.11.1999